MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 809/1980/2

Antonio, Maria, Girolamo, Francesco u Josephine aħwa **PACE**; u b'dekriet ta' l-14 ta' Lulju, 1998, l-atti ġew trasfużi f'isem Brian Grima billi Josephine Grima *nee'* Pace mietet waqt li kienet miexja l-kawża; u b'dekriet ta' l-14 ta' Lulju, 1998, l-atti ġew trasfużi f'isem Mary, Girolamo, u Francesco aħwa Pace, ta' Brian Grima u ta' Rosaria armla ta' Antonio Pace billi Antonio Paċe miet waqt li kienet miexja l-kawża

vs

Reverendu Henry **ABELA** O.P., bħala prokuratur tal-Kunvent ta' San Duminku, Valletta; u b'dekriet tal-31 ta' Mejju, 1991, issejjaħ fil-kawża Joseph Borġ f'isem is-soċjeta' *Agrotec Industries Limited*

**Il-Qorti:**
***Preliminari:***

1. B'Att taċ-Ċitazzjoni ppreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Lulju, 1980, l-atturi, wara li ppremettew illi huma l-proprjetarji ta' l-għalqa magħrufa bħala "*tal-Kappara*" li qiegħda l-Kappara, fil-limiti tal-Gżira; li peress li kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża l-atturi akkwistaw din l-għalqa bil-preskrizzjoni akkwiżittiva peress li l-aventi kawża (*recte*: awturi) tagħhom u huma llum jippossjedu din l-għalqa għal aktar minn tletin sena; u peress li l-konvenut *nomine* qed jippretendi mingħajr l-ebda dritt li huwa l-proprjetarju ta' din l-għalqa, talbu li dik il-Qorti tiddikjara li l-atturi huma proprjetarji assoluti ta' l-għalqa magħrufa bhala "*Tal-Kappara*", li qiegħda fil-limiti tal-Gżira, liema għalqa ġiet akkwistata minnhom permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

2. B'nota ppreżentata fl-4 ta' Awissu, 1980, r-Reverendu Henry Abela O.P., fil-kwalita' tiegħu premessa, eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati billi sas-sena 1967-1968 meta kienu bdew proċeduri oħra fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' kienu qed jitħallsu qbiela regolarment minn Rosario Pace awtur ta' l-atturi preżenti.

3. Il-kjamat in kawża Joseph Borġ għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Agrotec Industries Limited ippreżenta nota fil-25 ta' Lulju, 1991, fejn eċċepixxa:

1) Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kjamat in kawża akkwista l-proprjeta` in kwistjoni b'kuntratt tas-17 ta' Mejju, 1990, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon anness man-nota ta' eċċezzjonijiet u mmarkat Dokument JB1.

2) Illi, kif jirriżulta minn estratt tar-reġistru tal-Patrijiet Dumnikani, l-art in kwistjoni kienet imqabbla lil missier l-atturi u cioe` Rosario Pace u dan skond dokument immarkat JB2.

**Is-sentenza appellata.**

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-5 ta' Lulju, 2004 meta, wara li għamlet il-kostatazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tagħha, kkonkludiet hekk:

"L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għat-talbiet attriċi hija li t-talbiet ta' l-atturi huma għal kollox infondati billi sas-sena 1967-1968, meta kienu bdew proċeduri oħra fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', kienu qed jitħallsu qbiela regolarment minn Rosario Pace, awtur ta' l-atturi preżenti. Dan il-fatt ġie pruvat kuntrarjament għal dak allegat mill-atturi għax jirriżulta minn estratt tar-reġistru tal-Patrijiet Dumnikani li l-art in kwistjoni kienet imqabbla lil Rosario Pace. Għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara li huma l-proprjetarji assoluti ta' l-għalqa magħrufa bħala ***"Tal-Kappara"***, li qiegħda fil-limiti tal-Gżira, liema għalqa ġiet akkwistata minnhom permezz tal-preskirzzjoni akkwiżittiva. Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut. Spejjeż kontra l-atturi."

5. Dik il-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni billi qagħdet għal kollox fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-periti maħtura fil-kawża biex jeżaminaw il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti u senjatament dak li ngħad fir-rapport legali redatt mil-Avukat Dottor Tonio Azzopardi li, silta kbira minnu, insibuha riprodotta *verbatim* fl-imsemmija sentenza appellata. Infatti l-għaref perit, wara li ħa in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-Perit Tekniku, l-A.I.C. Frederick Doublet, wasal għall-fehma li *"fl-umili fehma ta' l-esponent, l-unika konklużjoni loġika hija li r-raba' indikat fuq il-pjanta li hemm fil-Kabrew jikkompredi mhux biss "**Tal-Kemmun**" iżda ukoll "**Tal-Kappara**", u dan indipendentement minn dak li tnižžel fil-kuntratt bħala l-kejl superfiċjali ta' l-istess raba', li evidentement ġie indikat*

*ħażin. “Għaldaqstant”* jkompli l-istess perit, *“l-esponent jissottometti umilment illi din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut Reverendu Henry Abela O.P. u tilqa’ ukoll l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza* ***Joseph Borg*** *għan-nom tas-soċjeta`* ***Agrotec Industries Limited****, filwaqt li tiċhad it-talbiet attriċi bl-ispejjez kontra tagħhom*.”

6. Minn dik is-sentenza l-atturi kienu ressqu appell fit-23 ta’ Lulju, 2004, liema appell intlaqa’ b’sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta’ April, 2007;

7. Wara talba li kienet saret mill-konvenut Patri Henry Abela *nomine* b’rikors tal-10 ta’ Lulju, 2007, din il-Qorti, b’sentenza tagħha tat-2 ta’ Mejju, 2008, għar-raġunijiet hemm imsemmija, kienet ħassret l-imsemmija s-sentenza tat-13 ta’ April, 2007, u ordnat li l-appell jinstema’ mill-ġdid.

***Ikkunsidrat:***

8. F’din il-kawża, l-atturi qed isostnu li huma proprjetarji ta’ l-għalqa magħrufa bħala “Tal-Kappara” liema titolu ta’ proprjeta` huma qed jgħidu li wasal għandhom bl-użukapjoni tat-tletin sena.

9. Min-naħa tiegħu, Patri Henry Abela *nomine* ressaq l-eċċezzjoni li, sa ftit snin qabel ma nfetħet il-kawża, l-awtur tal-atturi kien iħallsu l-qbiela sewwasew dwar l-istess art li l-atturi jgħidu li hija tagħhom. Filwaqt li l-kumpannija msejħa fil-kawża, Agrotec Industries Limited, tgħid li kisbet l-art mertu tal-kawża mingħand il-Kunvent konvenut f’Mejju tal-1990 u żżid tgħid li dik l-art kienet imqabbla lil Rosario Pace. B’dan il-mod, kemm il-Kunvent konvenut u kif ukoll il-kumpannija msejħa fil-kawża jistrieħu fuq it-teżi li, ladarba kienet titħallas il-qbiela fuq l-art, ma setax kien il-każ li l-atturi żammew pussess tagħha *animo domini*, kif kien jeħtiġilhom jagħmlu biex jiġġustifikaw it-titolu miksub b’użukapjoni.

10. Għall-finijiet ta’ preċiżazzjoni, din il-Qorti jidhrilha li jixraq tirrileva li l-azzjoni attriċi hija waħda ta’ aċċertament ta’ titolu aktar minn waħda ta’ rivendika vera u proprja. L-

ewwel darba li ssemmiet l-azzjoni *reivindicatoria* fl-atti ta' din il-kawża kien permezz ta' waħda mis-sottomissjonijiet tal-kumpannija msejħa fil-kawża[1]. Jidher li l-perit legali adotta wkoll dik is-sottomissjoni billi l-biċċa l-kbira mill-fehmiet tiegħu ta' xejra legali bnihom fuq l-elementi tal-imsemmija azzjoni. Hekk ukoll għamlet l-Ewwel Qorti. Min-naħa tagħhom, l-atturi għamluha ċara li l-azzjoni tagħhom ma kinitx waħda ta' rivendika[2]. Din il-Qorti tqis li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ li għandha quddiemha, jonqos wieħed mill-elementi essenzjali biex l-azzjoni tkun waħda ta' rivendika: l-element li l-parti konvenuta jkollha l-pussess tal-ħaġa li tagħha tintalab ir-rivendika mill-parti attriċi.

11. In-natura ta' kawża hija determinata mit-talbiet u miċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu fil-bidu tagħha, u meta nfetħet din il-kawża, l-pussess fiżiku tal-art in kwestjoni kien fl-atturi u mhux fil-Kunvent konvenut. Kemm hu hekk, dawn il-proċeduri huma konsegwenza ta' proċeduri mibdija minn Rosario Pace, awtur tal-atturi appellanti, quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' liema proċeduri kienu istigati mill-Patrijiet Dumnikani li, b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Mejju, 1969 indirizzata lilu, kienu infurmawh li ma kenux beħsiebhom iġeddulu l-lokazzjoni tal-Clausura tal-Kemmun jew ta' Bieb il-Gżira b'seħħ mill-15 ta' Awissu, 1969. Konsegwentement, fit-28 ta' Gunju 1969, l-imsemmmi Rużar Pace intavola rikors quddiem il-Bord imsemmi fejn, fost affarijiet oħra, irrileva li "*l-intimat*" u jiġifieri r-Reverendu Patri Henry Abela O.P. bħala prokuratur tal-Kunvent ta' San Duminku, Valletta, "*naqas li juri l-kejl ta' l-istess klawsura, u għalhekk huwa fl-interess ta' l-esponent, qabel xejn, li jistabilixxi l-istess kejl għaliex l-intimat nomine milli jidher qiegħed jippretendi illi hija tikkomprendi wkoll klawsura oħra imsejħa "Tal-Kappara billi huwa bagħat il-perit biex ikejjilha. Il-klawsura ta' l-intimat nomine tikkomprendi minn dak li fadal mill-kejl ta' erbat itmien wara li l-Gvern ħa l-biċċa l-kbira minnha għar-Regional Road. Il-klawsura tal-Kappara fiha sitt itmien u hija ta' proprjeta` ta' l-esponent*." Meta nfetħet din il-kawża l-art (tneħħi xi biċċiet li kienu ttieħdu mill-

[1] Paġ. 131 tal-proċess
[2] Paġ. 425 tal-proċess

awtoritajiet għat-twessigħ tat-toroq u l-bini ta' benefikati) kienet f'idejn l-atturi appellanti. Kien biss madwar għaxar snin wara li bdiet din il-kawża li l-Kunvent konvenut biegħ l-art lill-kumpannija msejħa fil-kawża. Iżda dik kienet ċirkostanza sopravenuta li ma bidletx in-natura tal-azzjoni mibdija mill-atturi appellanti.

12. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għad-degriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 1972, mill-Bord dwar il-Kontroll tal-kiri tar-Raba' fl-imsemmija proċeduri[3] mnejn joħroġ li dak il-Bord deherlu "*li huwa aħjar għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja li din il-kwistjoni tiġi deċiża mit-Tribunal Ordinarju"* u dan wara li l-istess Bord osserva li "*l-intimati qed jippretendu li huma proprjetarji ta' l-<u>għalqa detenuta mir-rikorrent</u> bi qbiela mentri r-rikorrenti jippretendu li parti biss mill-għalqa hija ta' l-intimati u l-parti l-oħra tippartjeni lilhom stess*".

13. Madankollu, f'kull każ u lil hinn mill-preċiżazzjoni li l-Qorti għadha kemm għamlet, kien dejjem meħtieġ għall-atturi appellanti li jippruvaw tajjeb biżżejjed it-titolu tagħhom u, fuq kollox, li juru kif l-art imqabbla lill-awtur tagħhom m'hijiex l-istess art li dwarha fetħu din il-kawża jew li ma tagħmilx minnha. Dan huwa daqstant minnu wkoll f'azzjoni għall-aċċertament tat-titolu, ukoll jekk forsi l-grad ta' prova ma jkunx wieħed iebes u rigoruż daqs kemm huwa mistenni fl-azzjoni ta' rivendika.

14. Il-Qorti tqis li l-ewwel eżerċizzju li jrid isir huwa dak li jiddetermina l-kwestjoni tal-identita' tal-art mertu tal-kawża. Huwa biss jekk kemm-il darba jirriżulta li tassew hemm differenza bejn dik li l-appellanti jsejħu "l-art tal-Kappara" u dik li fl-atti tissejjaħ "l-art tal-Kemmun" li jkun hemm għalfejn, imbagħad, li wieħed jistħarreġ il-kwestjoni tat-titolu tal-istess appellanti. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba joħroġ li l-art m'hijiex żewġ entitajiet differenti, iżda żewġ oqsma li jagħmlu minn art waħda, ikun ifisser ukoll li l-għotja bi qbiela kienet tgħodd għal dik l-art kollha kemm hi. F'dak il-każ, ikun ifisser li ż-żamma tal-istess art mill-awturi tal-appellanti u mill-istess

[3] Paġ. 67 tal-Atti tar-Rikors 67/69

appellanti ma kienet qatt effikaċi u tajba biex tippermetti li jgħaddi favurihom iż-żmien meħtieġ tal-preskrizzjoni akkwiżitiva li huma jibnu fuqha l-każ kollu tagħhom, billi jkun nieqes element meħtieġ li l-pussess tal-ħaġa jkun, fost l-oħrajn, *animo domini*[4].

15. L-aggravju ewlieni tal-atturi appellanti sostanzjalment jinsab fil-fatt li l-Ewwel Qorti naqset li tilqa' l-prova li kienu ġabu dwar it-titolu tagħhom u dan billi laqgħet il-fehmiet tal-periti maħturin minnha u sabet li l-Kunvent konvenut kien qiegħed jgħid sewwa meta qal li l-awtur tal-atturi kien għadu jħallas il-qbiela għal dik l-art ukoll. Il-biċċa l-kbira tar-rikors tal-appell tal-atturi huwa elaborazzjoni tal-imsemmi aggravju, bit-tismija ta' għadd ta' ċirkostanzi li joħorġu mill-atti tal-kawża u li huma jqisu bħala elementi probatorji tajbin biex juru t-titolu tajjeb għall-art u li l-Ewwel Qorti messha aċċettat.

16. Fost iċ-ċirkostanzi msemmija mill-appellanti jissemmew (i) il-bixra taż-żewġ biċċiet ta' art mifruda u distingwibbli l-waħda mill-oħra, (ii) il-kejl ta' kull waħda minnhom – b'dik "Tal-Kappara" tal-kejl ta' 'l fuq minn sitt itmien u dik "Tal-Kemmun" tal-kejl ta' 'l fuq minn erbat itmien, (iii) id-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-awtur tagħhom sa minn April tal-1945 mad-Dipartiment tal-Biedja, (iv) l-ittra tal-4 ta' Ottubru, 1962, mibgħuta minn Patri Ġerardu Minuti lill-awtur tagħhom biex jiltaqa' miegħu fuq il-post ħalli jurih liema hi l-art tal-Ordni Dumnikan, (v) ix-xhieda mogħtija mill-imsemmi Patri Minuti quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' f'Lulju tal-1970, (vi) ix-xhieda mressqa mill-awtur tagħhom u ħutu quddiem l-imsemmi Bord, (vii) id-Dikjarazzjoni tal-President tat-30 ta' April, 1996, għall-finijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, (viii) it-talba li saritilhom f'Jannar tal-1994 mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar ir-rilaxx ta' biċċa mill-art, (ix) il-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tas-7 ta' Lulju, 1748, li jirreferi l-ewwel darba għall-kejl tal-għalqa "Tal-Kemmun" bħala ta' sitt itmien, u (x) il-kirja magħmula bil-kuntratt tal-4 ta' Settembru, 1869, u d-deskrizzjoni tal-art milquta b'dak il-ftehim.

[4] Art. 2118 tal-Kap 16

17. Ir-regola li din il-Qorti timxi magħha hi li, fejn l-aggravju jkun jikkonsisti fi kwestjoni ta' apprezzament u evalwazzjoni tal-fatti li jkunu tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma terġax tiftaħ mill-ġdid il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-apprezzament tal-provi li jkunu saru minn dik il-Qorti sakemm ma tintweriex raġuni tajba għal dan.

18. Fil-każ li għandha quddiemha u minħabba r-raġunijiet li jissemmew aktar 'il fuq, il-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ l-aggravju tal-atturi appellanti, ukoll minħabba r-rabta li hemm bejn dawk il-fatti u l-applikazzjoni tal-prinċipji legali marbutin magħhom.

19. L-appellati jirribattu l-argumenti mressqa mill-atturi appellanti. B'mod partikolari, huma jsemmu (a) il-kuntratt tad-9 ta' Ġunju, 1606, ta' donazzjoni ta' art lill-Ordni Dumnikan imfissra bħala żewġ għelieqi mgħaqqdin flimkien magħrufin bħala "Tal-Kemmun" fl-inħawi "Ta' Bieb il-Gżira", għalkemm kejl ma jissemmiex, (b) it-tifsira tal-art mogħtija fil-*Cabreo* miżmum mill-Kunvent konvenut, (ċ) il-konċessjonijiet enfitewtiċi mogħtija għal 99 sena f'Lulju tal-1748 u dik għal erba' snin mogħtija f'Awissu tal-1856, juru li l-art konċessa kienet tikkomprendi t-territorju kollu, bħalma kienet kienet tgħodd għall-art kollha, kemm dik li tinħadem u kif ukoll dik b'wiċċ blati, l-kirja (gabella) mogħtija f'Settembru tal-1869, (d) it-tifsira tal-kelma 'tomna' f'kuntratti qodma ta' qbiela, (e) il-fatt tal-kumpens imħallas b'kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 1965, lill-Kunvent imħarrek mill-Gvern għat-teħid b'esproprju ta' biċċa mill-art li l-atturi appellati jsejħu "Tal-Kappara", (f) il-bini ta' benefikat ("*substation*" għall-ġenerazzjoni tal-elettriku) fuq l-art mertu tal-kawża li fil-kuntratt tal-1965 tissemma bħala "Tal-Kemmun", u (ġ) in-nuqqas min-naħa tal-atturi appellanti għall-finijiet ta' liġi dwar is-suċċessjoni tal-art pretiża minnhom ta' dikjarazzjoni ta' proprjeta' meta miet l-awtur tagħhom.

20. Wara li l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-kwestjonijiet imqanqlin mill-partijiet u eżaminat b'reqqa l-atti kollha tal-kawża, hija tasal għall-fehma li l-art pretiża mill-atturi

appellanti bħala "Tal-Kappara" u l-art imsejħa "Tal-Kemmun" jagħmlu mill-istess art. Hemm aktar minn raġuni waħda għaliex jidhrilha li dan huwa hekk. Fl-ewwel lok, l-ewwel u l-eqdem xbiha tal-art tinsab fil-pjanta mehmuża mal-att tal-konċessjoni enfitewtika tas-7 ta' Lulju, 1748 fl-atti tan-nutar Francesco Alessi. Dik il-pjanta kienet tfasslet minn żewġ persuni mgħallma (periti) xahar qabel ma kien pubblikat l-att u nħalfet minnhom fl-atti tat-talba li saret lill-awtoritajiet tal-Knisja biex jingħata l-permesss biex il-konċessjoni setgħet issir. Dik il-pjanta tfisser liema huma l-irjieħ tal-konfini tal-art. Il-kuntratt isemmi wkoll kejl tal-istess art. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li pjanta mehmuża ma' kuntratt m'hijiex biss aċċessorju għall-istess, iżda ħaġa waħda minnu[5]. Fit-tieni lok, l-imsemmija pjanta ddaħħlet fil-*Cabreo* miżmum mill-Kunvent konvenut, u dan ukoll għaliex waħda mill-kundizzjonijiet tal-istess konċessjoni enfitewtika kienet l-għoti lill-Ordni konċedent ta' kopja tal-kuntratt u l-pjanta mehmuża. Fit-tielet lok, il-kuntratt ta' donazzjoni ta' Ġunju 1606 isemmi li d-donazzjoni kienet ta' żewġ għelieqi mgħaqqda ma' xulxin mill-qasam magħruf bħala "Ta' Kemmun" fil-kontrada ta' "Bieb il-Gżira"[6]. Fir-raba' lok, meta fl-1856 l-art reġgħet ingħatat b'ċens qasir l-ewwel darba wara l-imsemmija konċessjoni tal-1748, l-art tfissret bħala li kienet tikkonsisti minn żewġt iħbula raba' b'siġar tal-ħarrub. Fil-ħames lok, meta nħalqet il-qbiela tal-art fl-1869, imkien ma ssemma l-kejl tal-art imqabbla iżda biss isimha kif magħrufa dak iż-żmien: dak l-isem, bħalma kien ilu jissemma sa mill-1606, baqa' dejjem l-istess. Dik il-konċessjoni ta' qbiela saret snin wara li l-art kienet imfissra u dokumentata fil-*Cabreo* tal-Kunvent konvenut. Fis-sitt lok, meta l-perit tekniku maħtur mill-Ewwel Qorti, silet it-tagħrif misjub fl-għadd ta' pjanti, dokumenti u *site plans* li jinsabu fl-atti tal-kawża u kif ukoll f'dawk tar-Rikors quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' sab – fuq il-bażi ta' kalkoli matematiċi u aċċertamenti li huwa kien għamel waqt aċċessi fuq il-post – li l-art "Ta' Kemmun" kif imfissra fil-kuntratti li ssemmew kienet tgħodd fiha dik li l-atturi appellanti jsejħu l-art "Tal-Kappara".

---

[5] App. Ċiv. **15.3.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.387**)

[6] Ara Wettinger *Place-Names of the Maltese Islands* (PEG, 2000), f'paġġ. 245 u 575 taħt it-titlu "*Ħabel Kemmun*" u "*Wied Ghollieqa*"

21. Il-kostatazzjonijiet li għadhom kemm issemmew huma aktar ta' min joqgħod fuqhom milli wieħed jista' joqgħod fuq il-kejl imsemmi f'uħud mill-istess atti. Din id-diskrepanza tal-kejl imsemmi ħalqet il-biċċa l-kbira mill-kwestjonijiet bejn il-partijiet. Jidher li fixklet ukoll lill-periti ġudizzjarji, li ma għarfux dejjem jagħtu tweġiba koerenti għall-mistoqsijiet li sarulhom mid-difensuri tal-atturi meta ttellgħu jixhdu in eskussjoni. Il-Qorti tifhem li, fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-kumpannija msejħa fil-kawża dwar it-tifsira ta' "tomna" f'atti pubbliċi ta' żmien qadim, il-kwestjoni tibqa' dejjem dibattibbli ħafna u ma tgħinx biex issolvi l-qofol tal-kwestjoni dwar jekk l-art pretiża mill-atturi appellati hijiex tassew art għaliha jew biċċa minn art oħra. Din il-Qorti ma tkunx qiegħda tagħti tifsira u applikazzjoni xierqa tal-atti nutarili msemmija mill-partijiet jekk ma żżommx quddiem għajnejha ż-żmien li fih saru l-imsemmija kuntratti u l-liġi konswetudinarja li kienet tgħodd dak iż-żmien f'dak li jirrigwarda unitajiet tal-kejl, qabel ma daħlu fis-seħħ il-liġijiet ta' llum li jirregolaw il-metroloġija jew kriterji ta' kejl. Dan ukoll jagħti raġuni oħra għaliex is-soluzzjoni tal-kwestjoni f'din il-kawża jixraq li titfittex fost ir-raġunijiet jissemmew fil-paragrafu ta' qabel dan.

22. Minħabba f'hekk, u għalkemm mhux tabilfors għall-istess motivi li waslu għalihom il-periti ġudizjarji, il-Qorti tasal għall-fehma li l-art pretiża mill-atturi appellanti bħala ġid tagħhom fil-fatt jagħmel mill-art li kienet ilha sekli magħrufa bħala "Tal-kemmun" u li l-Kunvent konvenut għandu x'juri li kienet ilha ġid tiegħu daqstant żmien.

23. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqisx li huma konklussivi għall-finijiet ta' prova tat-titolu tal-appellanti d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-awtur tal-atturi appellanti mad-Dipartiment tal-Biedja dwar l-art "tal-Kappara"[7], għaliex tali dikjarazzjoni kienet qiegħda ssir (ma' terz) fl-istess waqt li d-dikjarant kien qiegħed iħallas il-qbiela lis-sid ta' art li jirriżulta (b'mod soddisfaċenti mill-aspett tekniku) li hija l-istess art li dwarha saret tali

[7] Paġ. 218 tal-proċess

dikjarazzjoni. Lanqas ma jiswa bħala prova ta' titolu l-kumpens imħallas lill-awtur tal-atturi appellanti minn Marsovin Limited fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Pace vs Cassar nomine*" (Ċitazz. Nru. 298/76R)[8], billi dik il-kawża kienet waħda possessorja ta' spoll u mhux waħda petitorja maħsuba biex tasserixxi jew tistabilixxi titolu tajjeb ta' proprjeta' fuq dik l-art. Il-fatt li f'Ottubru tal-1962[9] il-prokuratur *pro tempore* tal-Kunvent konvenut bagħat jitlob lill awtur tal-atturi appellanti biex jurih fejn hi l-għalqa tal-ordni, ma jfissirx li b'daqshekk l-art ma kinitx tal-istess Ordni Dumnikan jew li dan kien jimplika li l-atturi appellanti kellhom xi art oħra ħdejha li kienet tagħhom.

24. Għall-Qorti, dan kollu jfisser li f'idejn l-atturi appellanti u fl-awturi tagħhom ma kien hemm l-ebda art f'dawk l-inħawi li ma kinitx tagħmel parti mill-ġid tal-Kunvent konvenut u li, għalhekk, ma kenitx miżmuma minnhom jekk mhux b'titolu ta' qbiela biss u mhux bi proprjeta' sħiħa, kif jippretendu. B'hekk, ma hemmx bżonn li l-Qorti tistħarreġ il-kwestjoni tal-għamla tal-pussess li kellhom l-atturi u l-awturi tagħhom, għaliex it-titolu li kellhom għall-art mertu tal-kawża, kif ingħad, ma kienx biżżejjed biex iħalli jimxi 'l quddiem favurihom iż-żmien tal-preskrizzjoni invokata minnhom fl-Att taċ-Ċitazzjoni promotur.

25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju, 2004, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti, magħduda dawk tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 2008, li ordnat is-smigħ ta' dan l-appell mill-ġdid.

**Moqrija**

**Giannino Caruana Demajo**
**Imħallef**

[8] Paġġ. 229 u 234 tal-proċess
[9] F'paġġ. 30 u 186 tal-proċess

**Joseph R. Micallef**
**Imħallef**

**Noel Cuschieri**
**Imħallef**

**30 ta' Settembru, 2011**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------